**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johnathan Ransley,**
**Spettur Ritianne Gauci)**

**Vs**

**Andrew Depasquale**

**Kawza Numru: 444/2023**

**Illum 21 ta' Lulju, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva nhar l-10 ta' Gunju 2023 kontra:

**Andrew Depasquale**, ta' 35 sena, mwieled Pieta nhar it-08 ta' Marzu, 1988, bin Michael u Valerie xebba Saliba, residenti 13, Tril-Mithna, Naxxar, detentur ta' karta tal-identita numru 135988M;

**Akkuzat** talli b'diversi atti, maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. **Nhar it-28 ta' Jannar 2023 bejn il-11.00 ta' fil-ghodu u nofsinhar minn Triq il-Giebja, Swieqi,** ikkommetta serq ta' numri tar-registrazzjoni JBS-308, liema serq huwa ikkwalifikat ix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Marc Joseph Marie Cabourdin u/jew persuna/i ohra;
   **Art 261 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

2. **Nhar it-22 ta' April 2023 bejn nofs il-lejl u l-04.00 ta' fil-ghodu minn gewwa garaxx numru 10, gewwa blokka Massabielle, Triq in-Nafra, Naxxar, u nofsinhar minn Triq il-Giebja, Swieqi,** ikkommetta serq ta' numri tar-registrazzjoni JBS-308, liema serq huwa ikkwalifikat ix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Marc Joseph Marie Cabourdin u/jew persuna/i ohra;
   **Art 261, 263, 267, 269, 270, 278, 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

3. **Bejn l-10.00 ta' fil-ghaxija tal-21 ta' Mejju 2023 u s-6.00 ta' fil-ghodu ta' 22 ta' Mejju 2023 minn gewwa garaxx sitwat 122, Vjal il-wiehed u ghoxrin ta' Settembru, Naxxar,** ikkommetta serq ta' qasab tas-sajd u/jew oggetti ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, bil-lok u bil-hin, liema ammont **ma jeccedix** l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' **Matthew Bonavia** u/jew persuna/i ohra;
   **Art 261, 267, 269, 270, 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

4. **Nhar is-26 ta' Mejju 2023 f'xi hin bejn nofs il-05.00 ta' wara nofsinhar u t-08.00 ta' fil-ghaxija minn gewwa l-**

**parkegg level -3 gewwa Fort Cambridge, Triq Tigne, Sliema,** ikkommetta serq ta' rota (bicycle) u/jew oggetti ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, bil-lok, bil-hin u bil-mezz, liema ammont **jeccedi** l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' **Enol Arguelles Folgueria** u/jew persuna/i ohra;

**Art 261, 263, 267, 269, 270, 278, 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti giet mitluba li titratta ma' l-imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Il-qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut, fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

Rat li l-imputat wiegeb hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2023 u dan wara li gie debitament imwissi skond il-ligi u inaghta cans jikkonsidra u jikkonsulta mal-avukat tieghu dwar il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni.[2]

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fl-istess seduta tal-10 ta' Gunju 2023.[3]

---

[1] A folio 3 tal-process

[2] A folio 5 tal-process.

[3] A folio 6 tal-process.

Rat illi wara li tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li tat lill-imputat zmien ragonevoli sabiex jerga' jikkonsulta mal-Avukat li qed jassistih f'dawn il-proceduri u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u l-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat reġa' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkużi migjuba kontra tieghu.[4]

Rat l-atti kollha.

Rat il-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[5].

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet lill-Ufficcjal tal-Probation li giet inkarigata sabiex thejji rapport.[6] Rat u hadet in kunsiderazzjoni r-rapport relattiv Dokument NC a folio 35 tal-process.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2023.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda erba' istanzi ta' serq ta' oggetti varji maghmulin fi zminijiet u minn postijiet diversi, liema serq gie kommess mill-imputat.

[4] A folio 6 u 7 tal-process.

[5] Dokument JR2 a folio 12 tal-process.

[6] A folio 32 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

Id-disposizzjonijiet legali li huma ta' l-aktar relevanza ghall-vertenza li ghandha quddiemha din il-Qorti llum huma s-segwenti:

*267. Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).*

*269. Huwa ikkwalifikat bil-"lok" is-serq li jsir –*
*(ċ) fi triq pubblika fil-kampanja, 'il barra mill-abitat;*
*(g) f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha.*

*271. Is-serq huwa ikkwalifikat bix-"xorta tal-ħaġa misruqa" –*
*(g) meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura;*

*279. Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jeħel –*
*(a) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa utletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin;*
*(b) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tlettax-il xahar sa seba'snin:*
*Iżda meta għal xi raġuni msemmija fl-artikolu 325(2) ma jkunx possibbli li jiġi stmat il-valur tal-ħaġa misruqa, dak il-valur għandu jiġi stmat li jkun jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37)*

*Il-piena ghar-reat ta' serq aggravat b'zewg kwalifici hija is-segwenti: 281. Il-ħati ta' serq ikkwalifikat biss bil-"persuna", bil-"lok",bil-"ħin" jew bix-"xorta tal-ħaġa misruqa", jeħel –*
*(a) jekk is-serq ikun akkumpanjat b'waħda biss mill-erba' kwalifiki hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn seba' xhur sa sentejn;*
*(b) jekk is-serq ikun akkumpanjat bi tnejn minn dawk il-kwalifiki, l-istess piena, iżda qatt fil-minimum tagħha;*

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2023, l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni huwa rega' ikkonferma wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, il-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, liema ammissjoni l-imputat wkoll ikkonferma wara illi l-Qorti tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li inghata il-hin mehtieg biex jikkonsulta dwar tali ammisjoni mal-avukat li qed jassistih f'dawn il-proceduri.

Illi fuq tali ammissjoni l-akkuzi jinsabu pruvati u l-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat**:
Il-Qorti fliet l-atti tal-kawza kif ukoll il-fedina penali tal-imputat, illi minkejja illi ma hiex wahda netta, jidher illi l-imputat irid jibdel it-triq illi qabad u jipprova jirrijabilita ruhu.

Il-Qorti rat ukoll illi r-rifurtiva giet ritornata hekk kif jirrizulta mill-ircevuta Dokument JR4 u JR5 a folio 21 u 22 tal-process.

Illi-imputat irregistra ammissjoni bikrija fl-istadju inizjali ta’ dawn il-proceduri u cioe fl-ewwel smiegh ta’ dawn il-proceduri. Illi kif inhu maghruf pero l-fatt li l-imputat ammetta l-akkuzi ma jintitolax awtomatikament lill-imputat ghal xi skont mill-piena karcerarja.[7]

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti tqis illi m’ghandhiex tkun hi li tfixkel ir-rijabilitazzjoni tal-imputat u kunsidrat il-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-fatt illi r-rifutiva giet ritornata u l-fatt illi l-imputat qed jipprova jirrijabilita ruhu, din il-Qorti tqis illi piena karcerarja ma hiex idoneja f’dan il-kaz.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 49, 50, 261, 263, 267, 269, 270, 271, 278, 279(a), 279(b), 281, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu stess, qed issib lill-imputat **ANDREW DEPASQUALE HATI** tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u fic-cirkostanzi tal-kaz tqis li piena karcerarji effettiva mhix idoneja u ghalhekk ai terminu tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tpoggi lill-hati Andrew Depasquale taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett snin minn meta din is-sentenza ssir res judicata, u dan skont l-istess Ordni mahruga kontestwalment ma’ din is-sentenza liema Ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

---

[7] Ara f’ dan is-sens is-seggwenti sentenzi decizi mill-Qorti tal-Appelli Kriminali- Il-Pulizija vs Emanuel Testa ( App. Nru. 152/2002) deciza per Onr. Imhallef Vincent De Gaetano; Il-Pulizija vs Christ Paul Camilleri ( app. Nru. 128/2018) per Onr. Imhallef Aaron Brugeja; Il- Pulizija vs Costantino Felice et ( App. Nru. 210/2007) per Onr. Imhallef Joseph Galea Debono, Il-Pulizija vs Angel Attard ( App. Nru. 148/2005) per Onr. Joseph Galea Debono, Il-Pulizija vs Paul Calleja ( App. Krim. 307/2008) per S.T. Onr. Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

In oltre ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qeghda tpoggi lill-hati Andrew Depasquale taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin minn meta din is-sentenza ssir res judicata u dan skont l-istess Ordni mahruga kontestwalment ma' din is-sentenza liema Ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Stante illi f'din il-kawza ma gew mahtura l-ebda esperti, it-talba tal-prosekuzzjoni taht l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tintlaqa'.

Il-Qorti spjegat fi kliem car u semplici lill-hati Andrew Depasquale l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Dr Monica Vella LL.D., M. Jur.
Magistrat

Iamin Guarracino
Deputat Registratur.